Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

***Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit***

Il-Pulizija

(Spettur PierGuido Saliba)

Vs

Albert Spiteri

Illum 16 ta' April, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Albert Spiteri, bin Louis Spiteri u Helen Spiteri nee' Francalanza, imwieled Malta fis-17 ta' Dicembru, 1971 u residenti Summerwood Cottage, Tal-Providenza, Limiti tas-Siggiewi, I.D. 0027172 M.

L-imputat akkuzat talli fis-27 ta' Lulju, 2017 ghal habta ta' 18.30 hrs fi Triq il-Wied, Qrendi saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBJ 947;

1. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-art jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiu, habit ma' Serkin u involontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Ludovic Ghigo;
2. U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq xi haga, minhabba f'hekk Ludovic Ghigo batgha offiza gravi fuq il-persuna, li tkun gabet il-konsegwenzi imsemmija fl-artiklu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skont kif iccertifika Dr. Josef Mifsud M.D;
3. U aktar talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;
4. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;

5. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;
6. U aktar talli naqas li jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega meta kienet hiereg ghal fuq triq principali;

Il-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Il-Qorti:

Rat id-dokumenti ezebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom:-

1. Affidavit ta' PS 1042 Aaron Caruana;
2. Ic-certifikat mediku ta' l-parte civile mahrug minn Dr. Josef Mifsud fejn iccertifika li l-hriega sofferti mill-parte civile kienu ta' natura gravi;
3. Ic-certifikat veterinarju taz-ziemel mertu tal-kaz odjern mahrug mill-veterinarju Dr. Louis Borg;
4. Il-Full Road Traffic Accident Report li jikkonsisti f'sitt pagni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2017 fejn Il-Prosekuzzjoni tablet korrezzjoni fl-imputazzjonijiet biex tigi mizjuda l-imputazzjoni "u kif ukoll gieghelt iz-ziemel isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn".

F'din is-seduta xehed ukoll il-parte civile (vide xhieda a fol 17 sa 31 tal-process) u Dr. Louis Borg (il-veterinarju) (vide xhieda a fol. 32 sa 35).

Rat ukoll il-verbal tas-seduta tas-16 ta' April, 2018 fejn xehed Chris Vassallo li pprezenta stima tax-xarretta ta' €250, l-Ispettur Saliba ipprezenta zewg affidavits li gew immarkata Dok A u Dok B u x-xehed l-imputat (vide reassunt tax-xhieda tieghu a fol. 36)

Saret it-trattazzjoni ta' l-partijiet.

**Decide**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti u atti ohra;

Rat is-sottomissjoni tal-partijiet;

Ikkonstatat li bi kliemu stess kien hemm nuqqas ta' proper look out minn naha ta' l-imputat meta qal li hareg bicca zghira, ma rajtux, naqqast, nahseb ghamitni x-xemx.

Nuqqas ta' proper look jidher car li l-imputat ma waqafx dead stop u billi ma rax dak li kellu dover li jara.

Tara l-artiklu 328d u b, Kap 65 Artiklu 15(1)(a) u 2, S.L. artiklu 76, ssibu hati ta' l-istess u tikkundannah multa ta' €1164.69 u sospenzjoni tal-licenzji kollha tieghu ghal hmistax.

*Dr. Yana Micallef Stafrace*

**Magistrat**